MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 79/2007

Emanuel Galea
vs
Carmelo Manicaro
u martu Angela Manciaro

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

i Illi fit-22 ta’ Gunju, 2005 permezz ta’ skrittura privata (annessa u mmarkata bhala Dokument “A”) l-intimati jew min minnhom iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tar-rikorrenti ghas-somma ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) liema somma kienet nghatat mir-rikorrenti (attur) lill-intimati (konvenuti) brevi manu;
ii Illi dina s-somma ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) hekk vera, likwida u certa kellha tithallas lura mill-intimati (konvenuti) lir-rikorrenti (attur) sal-31 ta’ Dicembru, 2005 u dan skond l-istess skrittura privata

annessa mar-rikors guramentat izda minkejja d-diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jithallas lura s-somma moghtija minnu lill-intimati dawn ta’ l-ahhar baqghu ma hallsu xejn;

iii Illi r-rikorrenti jiddikjara dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 167(1) li sa fejn jaf hu l-intimati jew konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x’jaghtu kontra t-talba li qeghda ssir f’dan ir-rikors u ghalhekk dina l-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

iv Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

**B. RAGUNI GHAT-TALBIET F’DAWN IL-PROCEDURI**

Illi r-rikorrenti kellu jipprezenta dawn il-proceduri ghaliex minkejja li ghaddiet d-data tal-31 ta’ Dicembru, 2005 meta kellu jinghata lura minghand il-konvenuti jew intimati s-somma mislufa lilhom ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) u minkejja li mar diversi drabi ghand il-konvenuti jew l-intimati jitlob il-hlas lura ta’ din l-imsemmija somma l-konvenuti jew intimati gew jaqghu u jqumu u ma hallsuhx l-ammont mitlub u ghalhekk ir-rikorrenti jew l-attur kellu jintavolata dina l-kawza.

**C. TALBIET ATTRICI:**

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 167(1) peress li l-ammont ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) li qieghed jigi mitlub huwa wiehed veru, cert u likwidu;

2. Tiddikjara lill-intimati (konvenuti) veri, certi u likwidi debituri versu r-rikorrenti (attur) tas-somma ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) u dan skond l-iskrittura privata tat-22 ta’ Gunju, 2005;

3. Tikkudanna lill-intimati (konvenuti) jhallsu lir-rikorrenti (attur) l-imsemmija somma ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ April, 2006, tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 107/07 kontra l-intimati (konvenuti) u bl-imghax mid-data tal-31 ta’ Dicembru, 2005 f’liema data l-intimati (konvenuti) kienu ntrabtu u qablu li jhallsu lir-rikorrenti (attur) l-ammont misluf lilhom sal-pagament effettiv bl-intimati (konvenuti) li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Frar, 2007 li minnu jirrizulta li wara li Dr. Mifsud Attard iddikjarat li riferibbilment ghal Angela Manicaro din qatt ma ffirmat ebda awtorizzazzjoni dwar l-iskrittura, u fil-kaz ta’ l-intimat il-prodotti in kwistjoni kienu skaduti, il-Qorti awtorizzat lill-intimati jipprezentaw risposta guramentata.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimati li biha esponew:

1. Illi fil-konfront ta’ Carmelo Manicaro l-ammont mitlub ma ghandux jithallas u dan minhabba l-fatt illi l-prodotti li dwarhom giet iffirmata l-iskrittura privata li qed issir riferenza ghaliha fil-kawza, irrizulta li kienu skaduti u kellhom hafna hsara, u ghalhekk ma ghandhomx jithallsu, sahansitra l-prodotti ta’ ikel kien hemm ordni mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani fis-seduta tas-Sanita` sabiex dawn il-prodotti jigu konfiskati u distrutti;

2. Illi fil-konfront tal-konvenuta l-isem huwa Angela Manicaro u mhux Angela Manciaro kif imnizzel fic-citazzjoni. Kif ukoll Angela Manicaro qatt ma ffirmat l-ebda skrittura privata ma’ l-attur jew tat xi awtorizazzjoni sabiex isir dan f’isimha;

3. Illi fil-konfront ta’ Angela Manicaro minghajr pregudizzju ghal premess hemm ukoll il-hsara tal-prodotti li taghhom qed jintalab il-hlas;

4. Illi inoltre dan hemm ukoll hlas iehor li ghandu jsir mill-attur favur il-konvenut liema ammont qatt ma thallas;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-iskrittura tat-22 ta' Gunju, 2005 bejn ir-rikorrenti Emanuel Galea u l-intimat Carmelo Manicaro (wahdu) li bis-sahha ta' dik l-iskrittura Manicaro iddikjara ruhu veru u cert u likwidu debitur versu l-kreditur Galea ghas-somma ta' Lm10,000 liema somma nghata brevi manu lid-debitur mill-kreditur qabel illum u liema somma hija rifondibbli mhux aktar tard mill-ahhar tas-sena cioe` 31/12/2005. Inoltre jekk l-imsemmija somma ma tithallasx f'tali perjodu s-somma tkun rifondibbli fuq semplici domanda bil-miktub.

Gie prezentat affidavit ta' Emanuel maghruf bhala Wallace Galea fejn semma li kien iltaqa' mal-habib tieghu l-intimat fejn dan kien qallu li kien qieghed jipprova jsib lil xi hadd li jkun lest jidhol mieghu halli jimpurtaw xi oggetti ta' l-ikel u xorb minn barra minn Malta. F'din l-okkazjoni kien qallu biex jaghtih Lm10,000 bhala s-sehem tieghu fin-negozju halli jkunu jistghu jahdmu b'din is-somma, liema somma nghatat lill-intimat permezz ta' cekk.

Wara sar jaf li l-intimat m'ghadux igib negozju u ghalhekk mar ghand l-intimat halli jirrifondilu l-Lm10,000 izda l-intimat qallu li kien hallas dejn iehor bihom u ghalhekk saret l-iskrittura.

Gie prezentat affidavit ta' Carmel Manicaro fejn semma li kien jaf lill-attur u darba kien talbu xi xoghol bi prezzijiet irhas. In segwitu saru hbieb u kien anke jaghtih xoghol tieghu u r-rikorrenti jbieghu. Semma li xi hames snin qabel ir-rikorrent kien hajjru biex jaghmlu bicca negozju flimkien izda hu kien qallu li flus ma kellux. Ir-rikorrent kien qallu li jista' jgib il-flus izda kien hemm kwistjoni ta' Lm500 imghax kull tliet xhur, liema somma ta' Lm500 dejjem harighom l-intimat, u dan hallas il-Lm500 ghal aktar minn sena u nofs. Kienu gabu xi xoghol anke minn fuq l-*internet* u l-intimat kien ried Lm2 kuljum talli jzommhom ghandu. Gara li l-flus li kellhom f'idejhom dejjem naqsu mhux zdiedu, specjalment minhabba li x-xoghol kien ikun hazin u ma jinbighx. In segwitu r-rikorrent beda ma jkellmux u l-intimat kellu jarmi kollox ghax il-prodott beda jiskadi. Kien hemm hafna spejjez ohra ta' trasport, *container*, vannijiet. Ir-rikorrent kien mar ghandu diversi drabi jiehu affarijiet u ma hallasx.

Gie prezentat affidavit ta' Angela sive Julie Manicaro li semmiet li hi mart Carmelo u li taf lil Wallace Galea ghax kien imur spiss jixtri x-xoghol minghand ir-ragel taghha. Darba kienet semghethom jghidu li ha jgibu xi xoghol flimkien. Gieli gabu xi xoghol li parti minnu kienet tkun hazina. Hi qatt ma ndahlet. Ir-rikorrent kien imur ghax-xoghol u ma jhallasx tieghu izda maghha r-rikorrent qatt ma tkellem fuq flus. Arba r-rikorrent riedha tmur tiffirma ghal xi dejn izda hi ma riditx. Sostniet li qatt ma tat il-kunsens taghha biex isir xi self.

Gie prezentat affidavit ulterjuri ta' Angela Manicaro fejn semmiet li hi gieli bieghet xoghol li gabu zewgha u r-rikorrent pero` qatt ma kienet taf dwar self ta' flus qabel ma marru r-rikorrent u missieru u qalulha biex tmur ghand in-Nutar. Ziedel li dan qatt ma kien ix-xoghol ta' zewgha wahdu ghax dejjem tkun hemm tbiegh.

Xehed Emanuel Galea u semma li hu u Carmelo Manicaro kienu hbieb u johorgu flimkien u mbaghad bdew jixtru l-affarijiet flimkien ghan-negozju. Kien semmielu li kien sejjer jissellef minghand certu Emanuel b'interessi ta'

8%. Semma wkoll lil Silvio Vella u li kienu jaghmlu negozzju flimkien. Meta kine jasal ix-xoghol Malta, kienu jitfghuh fil-garaxx ta' Manicaro. Hu gieli biegh izda l-flus kien jirrestitwiehom lil Manicaro biex inhallsu lura dawn l-Lm10,000 li kellhom self. Zied li Manicaro kien hallas ta' xi citazzjoni li kellu u kien uza minn dawk il-flus li kienu qed inwarrbu ghas-self ta' Lm10,000. Tliet darbiet tah €100. Sostna li dawn il-flus li tah lura kienu jkopru l-interessi.

Kienu riedu jiehdu lill-mara tieghu biex tigi ffirmata l-iskrittura quddiem in-nutar izda martu ma rieditx.

Xehed Charles Galea missier l-attur li semma li ibnu kien sellef lil Manicaro Lm10,000.

Xehed Silvio Vella u semma li Galea u Manicaro, fin-negozju kienu qed jiggestixxu bejniethom u kien jikkonsisti bazikament f'xi impurtar ta' ghagin u kif wkoll prodotti ohra ta' l-ikel, u hu kien jehdilhom hsieb il-korrispondenza ma' barra. Mistoqsi fir-rigward ta' LM10,000 qal li jekk jiftakar sew dan kien *bank draft* li nhareg f'isem Wallace Galea u kien tal-Mid-Med Bank.

Xehed in-Nutar Bartolomeo Micallef li kkonferma li l-iskrittura saret quddiemu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. L-eccezzjoni ta' Angela Manicaro dwar isimha:***

Il-Qorti ghandha l-obbligu li primarjament toqghod fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-kawza.

L-intimata eccepiet li "l-isem huwa Angela Manicaro u mhux Angela Manciaro kif imnizzel fic-citazzjoni."

Ghalkemm saret din l-eccezzjoni ir-rikorrent qatt ma talab ebda korrezzjoni. Anke mill-verbal inizjali dan jirrizulta izda ma sar xejn f'dan ir-rigward. Certament l-intimata ma jisimhiex kif imnizzel mir-rikorrent fir-rikors guramentat.

Din l-eccezzjoni hija sufficjenti biex il-Qorti tillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

***D2. L-eccezzjoni ta' l-intimata li hi ma iffirmat ebda skrittura:***

Ghall kull buon finti l-intimata eccepiet ukoll li hi qatt ma ffirmat l-ebda skrittura privata ma' l-attur jew tat xi awtorizazzjoni sabiex isir dan f'isimha.

Dan il-fatt lanqas biss huwa kontestat. Fuq l-iskrittura l-intimata mhix imsemmija u ma tidher ebda firma taghha. Hadd ma semma li kienet prezenti izda mix-xhieda taghha jirrizulta li meta qalula hi irrifjutat. Dan hu anke korroborat mid-deposizzjonijiet ta' xhieda ohra.

***D3. Talbiet attrici:***

Meta wiehed ihares lejn it-talbiet attrici isib li r-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti tiddikjara lill-intimati debituri versu r-rikorrenti tas-somma ta' ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) u dan skond l-iskrittura privata tat-22 ta' Gunju, 2005 u naturalment il-kudanna ghal hlas. Min-naha ta' l-intimat dan qieghed jipprova jibbaza d-difiza tieghu fuq haga ohra u cioe` li l-ammont mitlub ma ghandux jithallas minhabba l-fatt illi l-prodotti li dwarhom giet iffirmata l-iskrittura privata li qed issir riferenza ghaliha fil-kawza, irrizulta li kienu skaduti u kellhom hafna hsara, u li hemm ukoll hlas iehor li ghandu jsir mill-attur favur il-konvenut liema ammont qatt ma thallas.

Issa l-iskrittura privata (Dok. A a fol. 4 tal-process) hija wahda fejn jigi dikjarat fl-iskrittura li:

*'jiddikjara ruhu veru cert u likwidu debitur versu l-kreditur ghas-somma ta' ghaxart elef lira maltin (lm10,000) liema somma nghata brevi mano lid-debitur mill-kreditur qabel illum u liema somma hija refondibbli mhux aktar tard mill-ahhar ta' din is-sena, cioe' 31.12.2005. Jekk l-imsemmija somma ma tithallas f'tali perijodu s-somma tkun refondibbli fuq semplici domanda bil-miktub.'*

Illi ghalhekk il-Qorti tosserva li saret din l-iskrittura li ma gietx attakkata; lanqas l-intimati ma innewgaw illi dawn il-flus nghataw mir-rikorrent lill-intimat. In-Nutar Micallef ikkonferma l-istess skrittura. Ghalhekk ir-rikorrent ghamel il-prova li kellu jaghmel u cioe` li l-intimat kien debitur tieghu fis-somma ta' LM10,000.

L-intimat la ghazel li jattakka l-iskrittura b'xi proceduri u lanqas ma ghamel kontro-talba dwar dak sostnut fl-eccezzjonijiet. Fl-ebda hin ma rrizulta xi ghemil doluz, fis-sens ta' qerq jew ingann min-naha tar-rikorrent u lanqas ma tirrizulta prova ta' vjolenza fizika jew morali qabel kien iffirmat il-kuntratt jew waqt li kien qieghed isir il-kuntratt. Fis-sentenza ta' l-Imh W Harding ta' l-14 ta' Novembru, 1935 - XXIX.11.751 fil-kawza fl-ismijiet **Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo** insibu:
"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi...
Fil-kodici moderni hemm disposizzjoni simili ghal dik ta' l-art 684 tal-ligi taghna, li tikkunsidra bhala estort bil-vjolenza l-kunsens meta din hija ta' natura tali illi taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli, u tkun tali li tiggenera fiha l-biza' li tesponi ingustament il-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ..."

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jghid hekk:
Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f'kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista' jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet. F'dan ir-rigward l-Onorabbli Qorti (Sentenza tal-Prim'Awla Qorti Civili Onor. Imhallef Joseph Zammit Mckeon, fil-kawza fl-ismijiet **Ludvic Catania vs Charles *sive* Charles Bianco *pro et noe*** fis-seduta tat-16 ta' Settembru, 2011) (diversjament preseduta) taghmel referenza ghall-zewg sentenzi li jsostnu s-segwenti:
Fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Beacon vs Spiteri Staines"** jinghad hekk –

Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata – *pacta sunt servanda*

Fis-sentenza taghha tas-26 ta' Mejju 1952 fil-kawza **Morana vs Spiteri *et***, il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola m'humiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (contra scriptum testimonium non fertur) pero' din mhix regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt."

B'riferenza ghall-allegazzjoni ta' l-intimat ghall-hlas li huwa ghamel – li jghid li huwa kien ihallas imghax ta' hames mitt lira Maltin Lm500 kull tliet (3) xhur ghal sena u nofs, jghid ukoll illi l-intimat kien jiehu xoghol ghall-uzu personali u ma jhallasx tieghu u jallega wkoll illi l-ispejjez ma nqasmux u ghalhekk l-intimati jattribwixxu t-telf u l-waqfien tan-negozju lir-rikorrent, il-Qorti ma thosshiex konvinta minghajr dokumenti relativi hlief ghall-imghax ta' sena u nofs. Jekk il-partijiet ghazlu li jikkarifikaw id-debitu permezz ta' skrittura bl-istess mod jekk saru hlasijiet ohra dawn kellhom jigu ppruvati.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi u senjatament ghal dak li nghad taht "D1" hawn fuq, il-Qorti tillibera lil Angela Manicaro mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dak li inghad taht "D3" hawn fuq tichad l-eccezzjonijiet l-ohra. Dwar it-talbiet attrici, wara li cahdet it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 167(1), tiddikjara lill-intimat Carmelo Manicaro debitur versu r-rikorrenti fis-somma ta' ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) ossija €23,293.

Tikkudanna lill-intimat Carmel Manicaro jhallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta’ €23,293.

Imghax jiddekorri mit-22 ta’ Dicembru, 2006.

Spejjez kontra l-intimat Carmelo Manicaro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------